**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 9/2017 CFF**

**Silvio Coleiro**

**Vs**

**Ivan Camilleri**

**Illum it-Tlieta 17 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tal-attur** fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef ewro (€6,500) u dan rapprezentanti parti minn bilanc ikbar illi l-attur sellef lill-konvenut fi flus kontanti u dan anke kif jidher minn skrittura datata erbgha (4) ta' Novembru, tas-sena elfejn u sittax (2016) hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A'.

Jigi dikjarat illi din is-somma ma teccediex il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Il-konvenut intimat, ingunt in subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi.

Rat li l-konvenut Ivan Camilleri gie notifikat fit-28 ta' Jannar, 2017 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tat-3 t'Ottubru, 2017.

Rat li fl-istess seduta, l-attur ipprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tas-17 t'Ottubru, 2017, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-lill-attur is-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro (€6,500) bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tar-rikors u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**